



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-314/11 P

Il-Kummissjoni Ewropea vs Planet AE

“Appell — Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea — Identifikazzjoni ta’ livell ta’ riskju assoċjat ma’ entità — Sistema ta’ twissijiet bikrija — Investigazzjoni tal-OLAF — Deċiżjonijiet — Talbiet għal attivazzjoni tat-twissijiet W1a u W1b — Atti li jistgħu jiġu kkontestati — Ammissibbiltà”

Sommarju — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tad-19 ta’ Diċembru 2012

1. *Riżorsi proprii tal-Unjoni Ewropea — Protezzjoni tal-interess finanzjarji tal-Unjoni — Ġlied kontra l-frodi u attivitajiet illegali oħra — Sistema ta’ twissijiet bikrija għall-użu mill-uffiċjali awtorizzanti tal-Kummissjoni u tal-aġenziji eżekuttivi — Effetti ta’ twissija*

(*Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/969, Artikoli 15 sa 17 u 19 sa 22*)

2. *Appell — Aggravji — Evalwazzjoni żbaljata tal-fatti u tal-provi — Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-evalwazzjoni tal-provi — Esklużjoni ħlief fil-każ ta’ żnaturament*

(*Artikolu 256 TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 58(1)*)

3. *Appell — Aggravji — Motivazzjoni insuffiċjenti jew kontradittorja — Ammissibbiltà — Portata tal-obbligu ta’ motivazzjoni*

(*Artikolu 256 TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 58(1)*)

4. *Appell — Aggravji — Aggravju indirizzat kontra raġuni superfluwa — Aggravju ineffettiv*

5. *Rikors għal annullament — Atti li jistgħu jiġu kkontestati — Kunċett — Atti li jipproduċu effetti legali vinkolanti*

(*Artikolu 263 TFUE*)

1. Fir-rigward tal-ġlieda kontra l-frodi u attivitajiet illegali oħra fil-kuntest tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, l-Artikoli 15 sa 17 u 19 sa 22 tad-Deċiżjoni 2008/969, dwar is-Sistema ta’ Twissijiet Bikrija għall-użu mill-uffiċjali awtorizzanti tal-Kummissjoni u tal-aġenziji eżekuttivi, mhux biss jawtorizzaw, iżda wkoll u fuq kollex, jimponu li l-uffiċjali kkonċernati għandhom jadottaw miżuri spċifici fil-konfront tal-entità jew tal-proġett inkwistjoni. Għaldaqstant, l-impatt ta’ twissija ta’ entità fl-imsemmija sistema, ma jistax ikun limitat għall-isfera interna tal-istituzzjoni kkonċernata u taffettwa neċċessarjament ir-relazzjonijiet bejn l-uffiċjal tal-istituzzjoni kkonċernata u dik l-entità.

Barra minn hekk, anki jekk il-konsegwenzi ta’ twissija W1 huma inqas restrittivi minn dawk tat-twissijiet W2 sa W5, xorta jibqa’ l-fatt li l-miżuri msaħħa ta’ sorveljanza li l-uffiċjal ikkonċernat huwa obbligat jadotta fil-konfront tal-entità kkonċernata ma humiex limitati internament għall-isfera

interna tal-istituzzjoni, iżda jista' jkollhom effett fuq ir-relazzjonijiet bejn dik l-istituzzjoni u l-entità kkonċernata. Madankollu, dan ma jimplikax li l-effetti esterni tagħha huma awtomatikament ta' natura li twassal għal tibdil sostanzjali fis-sitwazzjoni legali tal-entità kkonċernata. Tali tibdil għandu jiġi vverifikat fuq bażi ta' każ b'każ.

(ara l-punti 37, 38, 42, 44)

2. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 56-59, 67, 76)

3. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 63-64)

4. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 90)

5. Ir-rikors għal annullament huwa disponibbli, skont ġurisprudenza stabbilita, fir-rigward tal-atti kollha adottati mill-istituzzjonijiet, tkun xi tkun in-natura jew il-forma tagħhom, li huma intiżi biex jipproduċu effetti legali vinkolanti li jaffettwaw l-interessi tar-riktorrent, billi jbiddlu b'mod sostanzjali l-pożizzjoni legali tiegħu. Il-kwistjoni tal-ammissibbiltà ta' rikors għal annullament għandha tiġi evalwata skont kriterji oġġettivi marbuta mas-sustanza stess tal-atti kkontestati.

(ara l-punti 94, 95)